Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 75/11 AE

**Bartmik ta' l-Iklin Ltd (Appellant)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni (Appellat)**

Il-Gimgha, 17 ta' Gunju 2016.

B'Avviz ta' Likwidazzjoni datat 26 ta' Awissu 2004 relattiv ghas-sena ta' stima 1997, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gharraf lis-soċjetà rikorrenti li ghal dik is-sena ta' stima kienet dovuta minnha taxxa fl-ammont ta' Lm36,619. B'ittra datata 24 ta' Awissu 2004 is-socjetà rikorrenti oġġezzjonat ghal dik l-istima u talbet ir-revoka ta' l-istess peress li:

1. *Income assessed is not in accordance with the company's income tax return*;

2. *The company incurred a loss during that year and in previous years and accumulated losses have been ignored*.

*3. Tax charged is excessive since the company did not register a profit for the year in question.*

*4. No tax is due.*

*5. The company did not have any balances outstanding from previous years*.

L-oġġezzjoni tas-soċjetà rikorrenti però giet miċħuda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Avviz ta' Rifjut mahrug fit-13 ta' Awwissu 2008 u t-taxxa ghas-sena ta' stima 1997 giet likwidata fl-ammont ta' Lm4,203 stante li skond l-istess Kummissarju is-soċjetà rikorrenti ma pprovditx id-dokumenti tan-negozju relatati mas-snin in kwistjoni, kif talab id-Dipartiment, biex b'hekk ikun jista' jiġi verifikat it-telf dikjarat. Il-kumpanija kriet il-barriera u peress li dan kien l-uniku dħul, it-tnaqqis kien limitat ghal Lm100, kif inhu normalment mogħti bhala konċessjoni mid-Dipartiment f'ċirkostanzi simili.

Fl-10 ta' Settembru 2008 is-soċjetà rikorrenti ippreżentat appell quddiem Il-Bord tal-Kummissarji Speċjali li eventwalment ġie trasferit lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li permezz tiegħu talab ir-revoka *in toto* ta' dik l-istima u minflok tiġi sostitwita skond il-prospett mibgħut minnha lill-Kummissarju, jew

alternattivament li l-imsemmija stima tiġi modifikata skond kif it-Tribunal jidhirlu xieraq. Il-motivi tal-aggravju kienu li:

(i) ir-rifjut ta' l-oġġezzjoni huwa irritu u null ghaliex jirreferi ghar-rekwizit illi gie dikjarat illegali mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet *"Pig Breeding Company Limited v. Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni"* Appell Nru. 19/04, kif rifless fl-emendi li saru fl-Att IV ta' l-2007;

(ii) l-istima kontestata nharget b'mod arbitrarju u ma hargitx *reasonably u fairly* hekk kif mehtieg skond il-Kaz Nru. 190 tal-Qorti ta' l-Appell. L-istima u l-mod kif inħarget jikser il-prinċipji tal-gustizzja naturali;

(iii) l-istima hi bbażata fuq apprezzament legali zbaljat tan-natura tal-pagamenti li saru ghal kull vjaġġ ġebel; tali pagamenti ma kellhomx jiġu kklassifikati bħala kera;

(iv) is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex l-obbligu illi tissupplixxi t-*trade records* taghħa a tenur tal-principji enuncjati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz 174. Is-socjetà rikorrenti mhux obbligata żżomm ir-records ghal perijodu itwal minn disa' snin.

(v) l-istima hi bażata fuq apprezzament zbaljat tal-fatti;

(vi) hi ma rcevietx il-qligh illi qed jinghand li rceviet; u

(vii) hemm telf migjub 'il quddiem ta' Lm25,363 u tnaqqis kapitali mhux assorbit ta' Lm5,838.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni laqa' ghall-appell tas-socjetà rikorrenti billi kkontenda li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni tieghu tat-13 ta' Awwissu 2008, il-likwidazzjoni tat-taxxa ghas-sena ta' stima 1997 hi gusta u jisthoqqilha konferma.

B'sentenza tas-7 ta' Jannar 2014, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ċaħad l-appell tas-soċjeta Bartmik ta' l-Iklin Ltd. u kkonferma l-likwidazzjoni tat-taxxa, wara li qies li d-dħul mill-barriera kien *trading income* u mhux *royalties.* B'danakollu, l-istess soċjeta` ma kinitx ġabet prova dwar x'tassew kien il-qliegħ tagħha.

Is-soċjeta` Bartmik tal-Iklin Ltd. appellat mill-imsemmija sentenza u talbet li s-sentenza tat-Tribunal tiġi revokata. L-aggravju hu illi s-sentenza ingħatat b'effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża u t-Tribunal applika l-oneru tal-prova b'mod żbaljat. It-Tribunal injora li l-prova tal-ispejjeż inkorsi kienet ingħatat u tali prova tirriżulta mill-atti proċesswali. Id-dokumenti, ledgers, irċevuti u fatturi kienu ġew ippreżentati lill-Bord ta' Kummissarji Speċjali u ngħatat riċevuta bid-data 27 ta' April 2010. L-unika raġuni l-għala l-Kummisssarju ma kkonċediex l-ispiża kienet illi skond hu l-esponent kien irċieva *royalty* u ma għandhiex tiġi konċessa spiża

kontra *royalties*. Sorvolat dan il-punt ta' interpretazzjoni ma kienx baqa' raġuni waħda għaliex id-deduzzjoni ma kellhiex tingħata.

Is-sustanza tat-tweġiba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hi illi:

1. L-appell huwa dwar punt ta' fatt u mhux punt ta' liġi u allura huwa irritu u null.

2. L-appellanti stess iddefiniet id-dħul tagħha mill-barriera bħala *royalties* fil-kuntratt ta' konċessjoni tal-barriera. Għalhekk l-ebda spejjeż għal *tools and consumables, spare parts, repairs and maintenance* u *electricity* ma huma deduċibbli minn dan id-dħul. Ankorke` d-dħul hu *trading income* a tenur tal-artiklu 4(1)(a) tal-Kap 123, l-ispejjeż huma deduċibbli mid-dħul tal-utilista, għax skond il-ftehim ta' konċessjoni l-ispejjeż huma a kariku tiegħu.

3. Is-soċjeta` appellanti ma ġabet l-ebda prova sodisfaċenti tal-ispejjeż li tippretendi li jnaqqsulha d-dħul taxxabbli, la lill-Kummissarju u lanqas lit-Tribunal.

4. Il-prova dokumentarja li s-soċjeta` appellant tallega li ssottomettiet quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali tirreferi għas-sena ta' stima 1996 (sena bażi 1995) u mhux għas-sena ta' stima 1998. Fi kwalunkwe każ id-dokumenti li ġiebet ma jissostanzjawx l-ispejjeż pretiżi minnha.

5. Dwar il-piż tal-prova, jinkombi dejjem fuq it-taxpayer li jipprova li l-istima li dwarha jilmenta hi żbaljata.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni appella inċidentalment bl-aggravju li r-*royalties* mhumiex *trading income* billi l-appellanti ma kinitx tifforma parti mill-operat tal-barriera li kien jitmexxa mill-konċessjonarju. Il-kuntratt ta' konċessjoni tal-barriera ma jistax jiġi deskritt bħala kuntratt ta' bejgħ. Għalhekk talab lil din il-Qorti li:

1. tirrevoka l-parti tas-sentenza li ddeċidiet li d-dħul tas-soċjeta` appellanti mill-konċessjoni tal-barriera huwa qligħ minn negozju taxxabbli taħt l-artiklu 4(1)(a) tal-Kap 123 u minflok tipprovdi li d-dħul huwa *royalties* taxxabbli skont l-artiklu 4(1)(e) tal-Kap 123, u

2. tikkonfermaha għall-kumplament fejn ċaħdet l-appell tas-soċjeta` appellata u kkonfermat il-likwidazzjoni tat-taxxa maħruġa minnu.

## <u>Konsiderazzjoni</u>.

1. **Appell tas-socjeta appellanti**.

Skont l-artiklu 37(1) tal-Kap 372, appell mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva quddiem din il-Qorti jista' jsir *"fuq punt ta' liġi biss"*. L-appell qiegħed isir dwar

provi allegatament imressqa u li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra. Fis-sentenza nghad:

*"Fl-Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni l-Kummissarju tat-Taxxi Interni rrileva li s-socjetà rikorrenti ma pprovdietx id-dokumenti tan-negozju taghha ghas-sena bazi 1996 u ghalhekk it-telf dikjarat ma setax jigi vverifikat. Fir-Rikors ta' l-Appell taghha s-socjetà rikorrenti rribattiet ghal din ir-raguni u fil-fatt tat bhala wiehed mill-aggravji ta' l-appell taghha l-aggravju li ma hijiex obbligata tissupplixxi t-trade records taghha ghas-sena bazi 1996 peress illi ma ghandhiex l-obbligu li zzommhom ghal perijodu ta' zmien itwal minn disa' snin.* ***Minkejja dan l-aggravju però rrizulta li l-istess socjetà effettivament ghaddiet din id-dokumentazzjoni wara li gie intavolat dan l-appell izda ghal raguni ghal kollox inspjegabbli l-istess socjetà naqset milli tissottometti tali dokumentazzjoni ghall-konsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal bil-konsegwenza ghalhekk li t-Tribunal ma jistax jivverifika t-telf minnha dikjarat. Minghajr tali prova t-Tribunal zgur ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni li r-raguni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghar-rifjut ta' l-oggezzjoni tas-socjetà rikorrenti mill-likwidazzjoni tat-taxxa ghas-sena ta' stima 1997 in kwantu rigwarda t-telf minnha dikjarat ma hijiex gusta u li b'hekk ikun xieraq u gust li id-decizjoni tal-Kummissarju u konsegwenti likwidazzjoni tat-taxxa jigu revokati.*** *Ai termini tal-Ligi u senjatament ai termini ta' l- Artikolu 35(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta l-oneru tal-prova li l-istima kontestata hija eccessiva jinkombi fuq l-appellant, f'dan il-kaz is-socjetà rikorrenti, u ghalhekk l-istess socjetà kellha l-obbligu fil-Ligi – u t-Tribunal izid jghid l-interess ukoll – li tressaq prova sodisfacenti in sostenn tat-telf minnha dikjarat, liema prova però baqghet ma tressqitx."* (enfazi tal-qorti).

It-Tribunal ikkonkluda li l-appellanti kienet ippreżentat id-dokumenti tan-negozju ghas-sena bażi 1996 quddiem il-Board of Special Commissioners. Minn dan il-bran hu evidenti li t-Tribunal ippretenda li l-appellanti kellha terga' tipprezenta l-provi dokumentarji quddiem it-Tribunal. Din il-qorti ma taqbilx. Meta sar l-appell, il-Board of Special Commissioners kellu l-kompetenza biex jisma' u jiddeciedi l-appell (Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372). Madankollu fil-mori tal-appell, il-kompetenza ġiet trasferita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. F'dan ir-rigward l-Artikolu 24 tal-Kap. 490 jipprovdi:

***"24.*** *(1) Mad-dħul fis-seħħ tat-Taqsimiet III u IV ta' dan l-Att,* ***il-proċeduri kollha pendenti quddiem dawk il-persuni,*** *korpi jew tribunali amministrattivi li kienu kompetenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-artikolu 25,* ***għandhom jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għad-deċiżjoni tiegħu*** *u għandhom jiġu regolati bid-disposizzjonijiet tal-imsemmija Taqsimiet III u IV ta' dan l- Att; u l-Ministru jista' jistabilixxi dati differenti għad-dħul fis-*

*seħħ tat-Taqsimiet III u IV ta' dan l-Att fir-rigward ta' persuni, korpi u tribunali amministrattivi differenti msemmija fl-artikolu 25."*

Mill-atti jirriżulta li:

i. B'ittra datata 7 ta' Lulju 2010, is-segretarju tal-Bord ta' Kummissarji Speċjali bagħat jinforma lill-appellanti li l-appell kien qiegħed jigi differit sine die minhabba l-provvedimenti tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490).
ii. Fis-7 ta' Marzu 2011, it-Tribunal ħareġ avviż ta' smigħ bl-ewwel data ta' smigħ tkun fid-29 ta' Marzu 2011.

Fl-atti tat-Tribunal hemm ukoll il-file tal-appell li kien pendenti quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali. Għalkemm l-appell kompla jinstema' u eventwalment ġie deċiż mit-Tribunal, dan ma kienx appell ġdid. Appell wieħed biss kien hemm, cjoe' dak preżentat fl-10 ta' Settembru 2008. L-atti li ntbagħatu lit-Tribunal kellhom ikunu kompluti. Fil-każ in eżami hu evidenti li dan ma kienx il-każ. F'dak ix-xenarju t-Tribunal ma kellux igħaddi għas-sentenza qabel jiżgura li d-dokumenti li kienu ġew preżentati quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali jiġu nserti fl-atti. L-appellanti ma kellu jsofri l-ebda preġudizzju mill-fatt li ma reġax ippreżenta dokumenti li kien diġa' ppreżenta quddiem il-Bord[1]. F'dan ir-rigward il-qorti taqbel mar-raġunament tal-appellanti li:-

*"Illi kuntrarjament għal dak suġġerit mit-Tribunal ġialadarba l-esponent kien a tempo debito u fil-forum adegwat (quddiem il-Kummissarju[2], kif ukoll quddiem il-Bord) diġa kkonsenja prova tal-ispejjeż inkorsi minnu (ta' liema dokumenti nħarġet id-debita riċevuta preżentata fil-mori tal-kawża)* ***ma kienx meħtieġ illi għat-tieni darba jerġgħa jressaq tali prova fit-Tribunal.****"* (enfażi tal-qorti).

Meħud in konsiderazzjoni li fis-sentenza t-Tribunal aċċetta li l-appellanti kienet fil-mori tal-appell ippreżentat id-dokumentazzjoni, il-posizzjoni li ħa t-Tribunal wassal ghal difett li ppreġudika l-jedd tal-appellanti li jkollha smigħ xieraq. Dan hu punt ta' liġi, in kwantu t-Tribunal naqas milli jikkunsidra provi li l-appellanti kienet ippreżentat fl-istadju tal-appell u qabel is-sentenza naqas milli jiżgura li dawk il-provi jiddaħħlu fl-atti. Dan wassal sabiex it-Tribunal ma kkunsidrax provi li l-appellanti kienet ippreżentat fil-kors tal-appell. Il-fatt li d-dokumenti ġew preżentati meta l-appell kien quddiem il-Bord, ma kellu jkun ta' ebda

[1] F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-irċevuta datata 27 ta' April 2010, mehmuża mar-rikors tal-appell, minn fejn jirriżulta li fl-appell numru 19/2008 l-appellanti ppreżentat, permezz tal-accountant Michael Sciortino, trial balances, ledgers u riċevuti u fatturi ghas-snin 1995, 1996 u 1997.

[2] Pero' l-qorti ma taqbilx mat-teżi li jkun biżżejjed li appellant jippreżenta d-dokumenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. F'kull każ dan m'huwiex rilevanti ghall-każ in eżami ġialadarba t-Tribunal stess ikkonferma li d-dokumenti ġew preżentati fl-istadju tal-appell.

konsegwenza ghall-appellanti. Dan apparti li waqt is-smiegħ tal-appell u qabel ingħatat is-sentenza, it-Tribunal kellu s-setgħa li jagħti l-provvedimenti li kienu meħtieġa sabiex jiġi aċċertat li li l-atti tal-appell ikunu kompluti.

2. **Appell inċidentali tal-appellat**.

Ladarba s-sentenza tat-Tribunal ser titħassar u l-atti jintbagħatu lura, l-appell inċidentali tal-appellant jisfuma fix-xejn u m'hemmx lok li l-qorti tippronunzja ruħha dwaru.

**Għar-raġunijiet mogħtija:**

1. **Tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tas-7 ta' Jannar 2014 u tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex wara li jiżgura li l-provi dokumentarji li l-appellanti kienet ippreżentat quddiem il-Bord, jitpoġġew fil-proċess, jiddeċiedi l-appell tal-appellanti.**

2. **Gialadarba s-sentenza tat-Tribunal giet revokata u l-atti ser jintbaghatu lura quddiem it-Tribunal, l-appell incidentali hu ezawrit u m'hemmx lok li l-qorti tippronunzja ruhha dwaru.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet**.

Anthony Ellul.